Il-kotba li fadal fl-Arkivju, wara n-nuqqas tas-snin li ġibna, jerġgħu jibdew minn Frar ta' l-1791. F'dis-sena stampaw ktieb bil-franċiż dwar Gżiritna, tal-Kavalier De Saint-Priest, jismu: "Malthe par un voyageur françois". Għamlulu wkoll kummiedja bil-franċiż: "La Rupe de Seucase", u oħra bit-taljan u l-franċiż: "Ebe, Scena Lirica". In-nefqa ta' kollox telgħet 331 skud, irbigħejn u 10 ħabbiet li minnhom Saint-Priest ma ħallas xejn. Għall-inqas hekk jidher mill-Kotba ta' l-Istamperija, billi f'dawn ma hemmx imniżżel li daħħlet xi ħaġa tagħhom. Mhux biss. Imma fin-nefqa li għamlet insibu wkoll li ħallset 5 skudi lill-imgħallem Zimelli ta' l-inċiżjoni ta' *ħdax-il ittra* li ħadem għall-imsemmi ktieb.

X'uħud mill-inċiżonijiet li fih, iġibu li huma xogħol ta' Sebastjan Ittar. Iżda dawn ma sibniex min ħallashom.

Dan il-ktieb, għadilli hu żgħir, billi ma fihx aktar minn 175 paġna ta' daqs ċkejken, waħdu biss sewa l-għadd sabiħ ta' 306 skudi. B'danakollu, l-istampar tiegħu b'xejn mill-Ordni, jissokta jwettaq dak li dejjem ħaqqaqna aħna, ma' tul dil-kitba tagħna, meta għidna li ma ħarġux wisq kotba f'Malta, mhux minħabba l-għoli fin-nefqa tagħhom; iżda l-waħdanija ħtija li fixklithom kienet biss in-nuqqas ta' qarrejja. Għax, għalkemm l-Ordni ġie li stampa kotba bla flus, hi ħaġa minn ewl-id-dinja li, dil-biċċa, mhux sa joqgħod jagħmilha ma' kull min ifettillu jikteb. Fuq hekk, meta l-kittieba kienu jaraw li, flok ma wieħed idaħħal xi ħaġa, biex jifdi t-taħbit ta' xogħlu, minn fuq ikollu joħroġ minn butu, x'uħud għażlu li ma jindaħlux jistampaw il-kitba tagħhom biex din wara tibqa' ma' wiċċhom.

F'Diċembru ta' l-1793, miet is-Suprintendent ta' l-Istamperija, Alessandri. Floku laħaq, mal-bidu ta' l-1794, Malti ieħor, Fra Anġ Grognet (23).

Wara s-snin li semmejna, nerġgħu naqgħu biex insibu battal kbir ieħor fl-Arkivju ta' l-Ordni, dwar l-Istampa f'Malta. Għax l-aħħar volum li hemm jasal biss li jġib il-kont li jagħlaq f'Jannar, 1794. Minnu nieħdu li l-impjegati fl-Istamperija baqgħu sitta: Fra Ġwann Mallia, Stampatur; il-Kan. Dun Saver Pace, Kompożitur, Fedrek Vella, l-ewwel Turkulier; Nastas di Candia, it-tieni Turkulier; u Ġużè Said u Mikiel Galea, li aktarx kienu jaħdmu fit-Torkji wkoll.

23. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2065.



Il-kotba ta' l-Istamperija baqgħu jinżammu sa kemm dam l-Ordni hawn, kif jidher mill-oħrajn tal-Bolla Kruċjata. Iżda dawn intilfu, u għalhekk jinsabu nieqsa, bħal dawk ta' bejn l-1782 u l-1791, li semmejna iżjed lura.

Mill-kotba tal-Bolla Kruċjata, ftit, wisq ftit, nistgħu nieħdu tagħrif dwar l-Istamperija, billi ma jġibux għajr kemm din ħarġet u x'daħħlet biss. Minnhom nieħdu li baqa' dejjem ikollha t-telf, fil-ħidma tagħha, bħalma, tista' tgħid, fis-snin l-oħra kollha ta' qabel.

Dan it-tagħrif ta' hawn fuq kien l-aħħar li ksibna, u għalhekk bih sa nagħalqu did-dgħajfa kitba tagħna. Biss, qabel irridu nistqarru u nagħarfu li, għalkemm ħabrikna ħafna fit-tiftix li għamilna, biex nagħtu ħaġa sewwa u sħiħa, nibżgħu li ħsiebna ma rnexxiex għal kollox, billi dax-xogħol għamilnieh waħedna u bla ebda ħjiel ta' għajnuna minn ħadd, waqt li xi drabi sibna wkoll ruħna naqdfu fi dlam magħqud, li tista' taqtgħu b'sikkina. Għal dan, iżda, nittamaw li l-qarrejja jagħdruna u jaħfrulna għal xi battal li stajna ħallejna warajna. U b'hekk intemmu dil-ġrajja dwar l-Istampa f'Malta, fiż-żmien li l-kbir u mfaħħar Ordni Ġerosolimitan dam jaħkem u jsaltan fil-maħbuba u għażiża gżira tagħna.

## AVVIŻ LILL-IMSEĦBIN

**L-Amministrazzjoni tgħarraf lil dawk l-Imseħbin li qegħdin lura fil-ħlas ta' l-abbonament tagħhom biex jaġġornaw mill-aktar fis il-kont tagħhom jekk iridu jibqa' jaslilhom "IL-MALTI". Min joqgħod lura fil-ħlas jista' jkollu r-rivista mwaqqfa.**